



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2010/0180(NLE)

19.7.2011

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kusill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, minn naħa l-oħra (09189/2011 – C7-0122/2011 – 2010/0180(NLE))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Olga Sehnalová

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, minn naħa l-oħra (09189/2011 – C7-0122/2011 – 2010/0180(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (09189/2011),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-waħda u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, (14366/2010),
 - wara li kkunsidra t-talba ta' approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont it-termini tal-Artikolu 100, paragrafu 2, u tal-Artikolu 218, paragrafu 6, tieni inċiż, ittra a), punt v), u l-paragrafu 8, l-ewwel inċiż, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0122/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0000/2011),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan.

NOTA SPJEGATTIVA

L-objettivi tal-ftehim

Bħalissa s-servizzi bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġordan jitħaddmu fuq il-bażi ta' ftehimiet bilaterali fejn l-Istati Membri u l-Ġordan. Dawn il-ftehimiet bilaterali setgħu jiġu armonizzati mad-Dritt tal-Unjoni Ewropea fl-2008 bis-saħħa tal-konklużjoni ta' ftehim orizzontali mal-Ġordan fuq is-servizzi bl-ajra.

Il-Kummissjoni Ewropea nneozjat dan l-aħħar ftehim globali ħafna aktar ambizzjuż, li jissostitwixxu l-assjem tal-ftehimiet bilaterali permezz tat-twaqqif ta' spazju tal-ajru Ewro-Mediterranju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġordan. Il-ftehim idaħħal kondizzjonijiet uniformi għat-trasportaturi bl-ajru tas-27 Stat Membru u kulħadd se jibbenefika minnhom, indipendentement min-nazzjonalalità tagħhom. It-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea se jkunu jistgħu għalhekk jagħtu s-servizzi tagħhom bejn kull punt fl-Unjoni Ewropea u l-Ġordan, filwaqt li s'issa l-prestazzjoni ta' servizzi bħal dawn kienet subordinata, fost l-oħrajn, għall-eżistenza ta' ftehimiet bilaterali bejn Stat Membru partikolari u l-Ġordan.

Il-ftehim għandu l-objettiv li:

- jiftaħ bil-mod il-mod u fuq bażi reċiproka s-suq għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għar-rotot u l-kapaċità;
- jiggarrantixxi lill-operaturi ekonomiċi kondizzjonijiet ekwi u mhux diskriminatorji fuq il-bażi tal-prinċipji tat-trattati tal-UE;
- jallinja l-leġiżlazzjoni tal-Ġordan f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport bl-ajru mal-leġiżlazzjoni tal-UE fis-setturi bħalma huma s-sikurezza tal-ajru, is-sigurtà u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru.

L-Artikolu 21 tal-ftehim jistitwixxi kumitat imħallat responsabbli mill-ġestjoni tal-ftehim. Dan il-kumitat imħallat jipromwovi l-iskambji f'livell ta' esperti għal inizjattivi ġodda u żviluppi leġiżlattivi jew regolamentari u jqis is-setturi potenzjalment suxxettibbli għal żvilupp ulterjuri tal-ftehim. Ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

Proċedura

F'Novembru tal-2007 il-Kunsill ippermetta lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati relattivi għal ftehim fuq is-servizzi tal-ajru mal-Ġordan. Iż-żewġ partijiet isigillaw l-abbozz tal-ftehim fis-17 ta' Marzu tal-2010. Il-ftehim ġie ffirmat fil-15 ta' Diċembru tal-2010 u ma jiffurmax parti minn applikazzjoni provviżorja. B'ittra tas-17 ta' Mejju 2011, il-Kunsill talab l-approvazzjoni tal-Parlament għall-konklużjoni tal-ftehim.

Il-ftehim jirregola mhux biss is-setturi ta' kompetenza tal-Unjoni Ewropea, imma wkoll oħrajn ta' kompetenti tal-Istati Membri. Il-konklużjoni tal-ftehim ma tirrikjedix għalhekk biss rattifika f'livell ta' Unjoni Ewropea, imma wkoll f'livell tal-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.

Hu u japplika l-proċedura tal-approvazzjoni, il-Parlament Ewropea ppronunzja ruħu fuq dan

il-ftehim f'konformità mal-Artikolu 81 tar-Regoli ta' Proċedura, jiġifieri b'votazzjoni waħda u mingħajr il-possibilità li tkun tista' tiġi ppreżenta ebda amenda.

Rakkomandazzjoni tar-rapporteur

Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġordan huma msejsin fuq il-ftehim ta' assoċjazzjoni li daħal fis-seħħ fl-2002 u għandu l-mira li jitwaqqaf spazju ta' skambju liberu bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġordan. Barra minn hekk, iż-żewġ partijiet jikkollaboraw strettament f'dak li għandu x'jaqsam mar-riformi demokratiċi u l-immodernizzar tal-ekonomija tal-Ġordan. L-Unjoni Ewropea hija l-ewwel sieħeb kummerċjali tal-Ġordan, wara l-Għarabja Sawdija.

Il-konklużjoni ta' ftehim Ewro-Mediterranju relattiv għas-servizzi bl-ajru mal-Ġordan jirrappreżenta minn żmien twil ilu prijorità għall-UE u element importanti tal-iżvilupp tal-politika Ewropea tal-viċinat.

Skont studji esterni tal-Kummissjoni, il-ftehim Ewro-Mediterranju fis-settur tat-trasport bl-ajru mal-Ġordan jiddetermina awment ta' passiġġieri ta' 54,000 u vantaġġi ekonomiċi lill-konsumaturi f'ammont ta' mill-anqas 30 miljun ewro fl-ewwel sena ta' ftuħ effettiv tas-suq. Il-ftehim kummerċjali, li ġie nnegożjat mal-Marokk fl-2006, wassal għal potenzjament notevoli tas-servizzi bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Marokk.

Il-ftehim jikkontempla l-possibilità ta' estensjoni għall-ħolqien, mas-sħab l-oħrajn kollha tal-Mediterran, spazju tal-ajru Ewro-Mediterranju komuni.

Ir-rapporteur hija tal-fehma li l-konklużjoni tal-ftehim Ewro-Mediterranju fis-settur tas-servizzi bl-ajru mal-Ġordan tirispondi għall-interess taċ-ċittadini u tal-impriżi tal-Unjoni Ewropea u tikkonforma mal-politika Ewropea tal-viċinat; tirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim.